# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 5 t'April 2022**

Appell numru 79/2021/1

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ruth SCERRI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-2 ta' Marzu 2021 fil-konfront ta' Ruth SCERRI (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 94988(M) li ġie mixlija talli fis-6 ta' Mejju 2019 għall-ħabta tal-12.30 fil-Gżejjer Maltin:

   i. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolament, ikkaġunat ferita ta' natura gravi skont ma ċċertifika Dr. Stefano Corso li ġew ikkaġunati minn kelb ta' razza bulldog u dan bi ksur tal-Artikolu 216 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
   ii. Kellha kelb taħt il-kontroll tagħha u ħalliet dak il-kelb jiġġerra jew mingħajr ma żammitha b'ċinga u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-L.S. 312.01;

iii. Bħala sid jew detentur ta' kelb li huwa ta' perikolu għan-nies, naqset illi żżomm il-kelb taħt kontroll u dan bi ksur tal-Artikolu 14(1)(4) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta;
iv. Naqset milli tlibbes sarima lill-kelb li kellha taħt il-kontroll tagħha meta kienet taf jew setgħet tissusspetta li l-kelb kien temperamentali jew perikoluż jew li jista' jweġġa lil xi persuna u dan bi ksur tar-Regolament 3(2) tal-L.S. 312.01.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(1) u (B) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta u tornda d-distruzzjoni ta' dan il-kelb.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat lil Ruth SCERRI mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni u ħatja tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u kkundannatha għal perjodu ta' priġunerija ta' sitt xhur liema terminu ta' priġunerija ġie sospiż għall-perjodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ordnat ukoll li l-kelb in kwistjoni jinżamm b'mod permanenti mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali jew f'xi santwarju tal-klieb u jekk il-ħatja tonqos li tikkonsenja l-kelb in kwistjoni lill-awtoritajiet hawn fuq imsemmija minnufih, ordnat ukoll piena ta' ammenda ta' għaxar Ewro għal kull ġurnata wara li jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi. Il-Qorti ordnat ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ma joħroġx liċenzja lill-imputata sabiex iżżomm kelb mid-data tas-sentenza 'il quddiem ai termini tal-Kapitolu 312 tal-Lliġijiet ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellanta SCERRI appellat minn din is-sentenza fejn talbet lill-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ma sabitx ħtija fl-appellanta għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u f'dik il-parti fejn ma ordnatx id-distruzzjoni tal-kelb in kwistjoni, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u tilliberaha minn dawn l-imputazzjonijiet u fin-nuqqas li tagħmel dan, tagħti piena li tkun aktar ekwa u ġusta u ma jkunx hemm il-projibizzjoni lill-Kummissarju tal-

Pulizija milli joħroġ liċenzja lill-appellanta biex iżżomm kelb/klieb u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

i. Ma nġabitx l-aqwa prova mill-Prosekuzzjoni dwar jekk il-kelb in kwistjoni kienx reġistrat mal-awtoritajiet relativi u jekk kinitx inħarġet liċenzja fir-rigward ta' Ruth Scerri bħala sid il-kelb;
ii. Ruth Scerri kienet xogħol dakinhar tal-inċident allura hija kienet fl-impossibilita' li tagħmel xi ħaġa dakinhar u bl-ebda mod ma jista' jintqal illi hija ħatja ta' xi nuqqas u għandha tiġi lliberata mill-akkużi kollha;
iii. Il-preżunzjoni taħt l-Artikolu 14(4) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta waqgħet bħala konsegwenza tal-provi mressqa mill-appellanta u anki minn dak li xehdet kemm hi u kemm missierha u mir-ritratti li hija ppreżentat meta wriet li l-kelb anki ma' uliedha kien jorqod. Dan juri li l-kelb ma kienx jitqies li huwa perikoluż u għalhekk Ruth Scerri ma setgħetx tipprevedi li l-kelb seta' rreaġixxa kif irreaġixxa. Imkien ma xehdet l-appellanta li dan il-kelb ittieħed barra. Dan il-kelb huwa wieħed li jinżamm ġewwa. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet żbaljata fattwalment.
iv. Dan kien biss inċident sfortunat.
v. Dan kien kelb ta' ġewwa u għalhekk kien hemm in-nuqqas ta' ħtieġa ta' sarima u ta' ċinga.
vi. Is-sitt aggravju jikkonċerna l-fatt li ġiet illiberatha mit-tieni imputazzjoni iżda xorta weħlet l-istess piena li weħel Lorenzo Scerri. L-appellanta għandha teħel inqas.
vii. Il-piena għandha tkun iktar ekwa u ġusta.
viii. It-tmien aggravju huwa fis-sens illi l-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix seta' lill-Qorti li tordna li l-appellanta ma tinħarġilhiex iktar liċenzja sabiex iżżomm kelb.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-**

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal

---

**Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

8. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[3] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

9. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[4]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici

---

[3] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

10. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

11. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

12. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

13. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun

żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

14. Fil-każ Ingliż **Majid**,[6] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

15. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

16. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

17. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni,</u>**

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[6] ibid.
[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

18. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[8]

19. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

---

[8] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

20. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonklużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

21. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and

conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

22. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

23. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

25. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha

quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

26. Illi nhar is-7 ta' Mejju 2019 għall-ħabta ta' 10.30 ta' filgħodu Mario Ellul għamel rapport l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar għan-nom tal-mara tiegħu Marianna Ellul minħabba li ġurnata qabel kienet sfat aggredita minn kelba ta' razza pitbull li kien tal-ġar tagħhom. Mario Ellul irraporta li dakinhar tas-6 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tal-12.30 ta' wara nofs in-nhar il-mara tiegħu kienet għaddejja fit-triq fejn joqgħodu fi Triq Agostino Said, Ħaż-Żabbar meta f'daqqa waħda l-kelba tal-ġar tagħhom li kien bla ċinga ħareġ għaliha sabiex jattakkaha. Huwa żied jgħid li l-kwerelanta kellha carrier magħha fejn bdiet tipprova tipproteġi lilha nnifisha bih iżda l-kelba ħatfitha minn idejha, niżżilha mal-art u beda jigdimha f'rasha fejn ikkaġunalha l-ġrieħi ta' natura gravi. Marianna Ellul ittieħdet ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ġewwa Raħal Ġdid u wara li kienet eżaminata ntbgħatet l-Isptar Matei Dei fejn ġiet iċċertifikata li kienet qiegħda tbgħati minn ġrieħi ta' natura gravi u kellhom isirulha anki xi suturi fuq il-feriti li hija ġarbet.

27. Il-Pulizija kkuntatjaw lill-persuni li ġew indikati bħala s-sidien ta' din il-kelba u ċjoe' lil Lorenzo Scerri u bintu Ruth Scerri. Lorenzo Scerri stqarr li l-kelba kienet ta' bintu Ruth Scerri. Dawn ġew mitkelma wara li ġew mogħtija lilhom id-drittijiet tagħhom u huma rrifjutaw li jikkonsultaw ma' avukat tal-fiduċja tagħhom. Ruth Scerri stqarret li dakinhar tal-inċident kienet ix-xogħol u li saret taf bli ġara għaliex kienu nfurmawha l-familjari tagħha. Lorenzo Scerri stqarr li l-kelba ħarbitlu meta huwa fetaħ il-bieb tad-dar għaliex kien qiegħed jistenna lill-oħtu li kienet ċemplitlu ftit tal-ħin qabel u qaltlu li kienet qiegħda wara l-bieb tad-dar tiegħu u għalhekk hu kien mar biex jifħilha. Huwa qal li ra lil kelba taħtaf lill-vittma u mar jiġri wara l-kelba sabiex iżommha.

28. Il-Pulizija wissew lil Ruth Scerri u lil Lorenzo Scerri sabiex iżommu lil din il-kelba dejjem bis-sarima sabiex ma tkun ta' perikolu

għal ħadd u ġew infurmati li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tagħhom b'rabta ma' dan l-inċident.

**Ikkunsidrat**

29. Illi l-ewwel sitt aggravji sejrin jiġu trattati flimkien stante r-rabta li hemm bejniethom mal-fatti ta' dan il-każ.

30. L-ewwel imputazzjoni dedotta fiċ-ċitazzjoni hija msejsa fuq il-ksur tal-Artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali liema dispożizzjoni tagħmel referenza għall-Artikolu 225 tal-istess:

> (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).
>
> (2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjed minn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaġuna ukoll offiża fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħral-piena għandha tkun dik ta' priġunerija sa għaxar snin.
>
> 226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –
>
> (a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin eurou ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);
>
> (b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhuxiżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);
>
> (ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

31. B'din id-disposizzjoni il-Leġislatur irid jipproteġi l-ħajja u l-inkolumita' tan-nies minn kondotta negliġenti ċjoe' li tkun tikkonsisti 'f' nuqqas ta' ħsieb' (imprudenza), 'traskuraġni', 'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tal-aġent tar-reat (imperizja) jew 'f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti'.

32. Il-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni għal 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni'; iżda l-Leġislatur qiegħed jirreferi għal sitwazzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ħsieb u ta' diżattenzjoni f'kuntest fejn wieħed ikun rikjest jew ikun pretiż minnu li jadopera ċertu kawtela fl-imġieba tiegħu. F'dan ir-rigward il-Professur Mamo jgħid hekk:

> it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.[9]

33. Il-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'xi mod **negliġenti** u **bħala konsegwenza** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż ma kienx mixtieq jew previst li jseħħ, iżda li kien **prevedibbli minn dik il-persuna li kieku kienet moħħha hemm**. Din il-kondotta kolpuża tal-awtur tar-reat tista' tkun negliġenti kemm jekk dan ikun wettaq **<u>azzjoni kommissiva</u>** li tissarraf fi ħsara li setgħet ġiet evitata għaliex prevvibbli u daqskemm minħabba **<u>azzjoni omissiva</u>** fejn il-ħsara tkun ġiet ikkawżata minħabba n-non-kuranza tal-awtur meta huwa **<u>jkun naqas</u>** milli jagħmel dak li kien raġonevolement mistenni minnu jew obbligat illi jagħmel skont il-Liġi.

34. B'hekk persuna tista' tinstab ħatja ta' reat taħt l-Artikolu 225 jew 226 tal-Kodiċi Kriminali mhux biss daqstant għaliex għamlet att volontarju li jirriżulta imprudenti u traskurat wara l-evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi li jsawruh iżda anki jekk tonqos milli jieħu dawk il-prekawzjonijiet li l-Leġislatur kien jirrikjedi minnha f'sitwazzjoni partikolari skont qafas leġislattiv pre-eżistenti.

35. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiż nhar l-4 ta' Frar 1961, il-Qorti Kriminali f'sede t'appell, għamlet ukoll referenza għall-insenjament ta' diversi ġuristi fir-rigward tal-elementi li jsawru dan ir-reat:

> Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.

---

[9] Lectures in Criminal Law.

36. L-istess intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Grech** deċiż nhar il-21 ta’ Marzu, 1996:

> Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.
>
> "Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).
>
> Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta'

terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura **li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'. ….** [10]

Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta.

37. Bħal ma ġie rilevat fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** et deċiż nhar il-31 ta' Lulju 1998:

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili :

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali ċjoe' kif jgħid il-Manzini ''inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto.''

Il-kulpa tista' tkun ukoll dovuta għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe dawk li jkollhom l-element ta' prevenzjoni bħalma hi l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

38. Id-diversi forom ta' kondotta kolpuża li jikkontemplaw id-dispożizzonijiet tal-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, jistgħu jiġu miġbura f'**<u>żewġ kategoriji</u>**:

(i) kondotta kolpuża konsistenti fi ksur ta' dawk ir-regoli li huma bbażżati fuq l-esperjenza tal-ħajja komuni u

(ii) il-ksur ta' dawk ir-regoli derivanti minn obbligu statutorju li l-Leġislatur ikun ħaseb fih sabiex jipprovdi għall-protezzjoni ta' terzi persuni permezz tal-impożizzjoni ta' dawk il-

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

prekwazzjonijiet li jkunu meħtieġa sabiex jilqgħu kontra l-possibilita' li terzi persuni jġarrbu danni u ħsarat minħabba l-aġir kolpuż ta' ħaddieħor.

39. Dan ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** deċiża nhar is-26 ta' Marzu 1998:

> L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivanti mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem ''nuqqas ta' ħsieb'', ''traskuraġni'' u ''nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni'' filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem ''nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti''. Huwa appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-leġislatur mhux qiegħed jirreferi biss għal-leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordniiet eċċ) iżda għal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita u għalhekk qed tirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (bħal per eżempju r-regolament infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika.

40. Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel kategorija ta' kondotta kolpuża allura, il-Liġi tippressuponi li bniedem komuni bl-użu tal-esperjenza tal-ħajja jagħraf li hemm ċertu regoli komportamentali dettati mill-esperjenza komuni, minn sens ċiviku nonche l-bwon sens, li jeħtieġ li jiġu osservati. It-trakuraġni tinbet fin-nuqqas li persuna tapplika din l-esperjenza tal-ħajja sabiex tipprevedi u tipprevjeni dak li huwa previbbli b'applikazzjoni tal-bwon sens. F'dan is-sens isir meħtieġ stħarriġ kemm tal-istat mentali tal-awtur tar-reat kif ukoll taċ-ċirkostanzi li fihom huwa jkun aġixxa jew naqas milli jaġixxi.

41. Mill-banda l-oħra, it-tieni kategorija ta' kondotta kolpuża u ċjoe' n-nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti ma teħtieġx analiżi tal-istat mentali tal-aġent tar-reat hekk kif il-Leġislatur hawnhekk kellu f'moħħu li jorbot lil kategorija ta' persuni (bħal fil-każ in diżamina, sidien jew detenturi ta' kelb skont l-Att dwar il-Klieb, Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta) b'sett ta' regolamenti u l-enfasi ma tibqax daqstant fuq jekk l-aġent setax f'ċirkostanzi partikolari jipprevedi l-akkadut daqskemm osservax jew le dawn ir-regolamenti.

42. F'dan il-kuntest allura, meta l-Liġi titratta ksur ta' regolamenti, taħt il-kappa wiesgħa tagħha tinkludi wkoll kull regolament naxxenti mil-Liġi, regolamenti, ordnijiet jew simili.[11] F'dan il-każ allura jiġi li

[11]Vide supra: **Tarcisio Fenech**.

jinkwadraw ukoll ir-regolamenti li jorbtu lis-sidien jew detenturi ta' klieb skont l-Att dwar il-Klieb, Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta u l-leġislazzjoni sussidjarja li jaqgħu taħtu.

43. B'rabta ma' dan allura, imġieba li tkun tikser ir-regoli li għandhom x'jaqsmu maż-żamma ta' kelb tista' tieħu karattru plurioffensiv in kwantu tista' tammonta kemm għal reat kriminali taħt il-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta, daqskemm ukoll taħt l-Artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali f'dak li għandu x'jaqsam ma imġieba riferibbli għal 'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti', jekk l-istess kondotta tkun tissodisfa wkoll l-elementi ta' dawk l-artikoli b'mod għalhekk li tkun tista' wkoll teradika responsabilita' penali taħt l-imsemmija dispożizzjonijiet.

44. L-element li jakkomuna kull forma ta' kondotta kolpuża huwa dak **tal-prevedibilita'** tal-event dannuż. Fi kliem sempliċi, meta d-dannu kkawżat għalkemm mhux previst u mixtieq seta' kien prevedibbli bl-eżerċizzju ta' ċerta diliġenza u attenzjoni, allura l-aġir tal-awtur tar-reat jiġi klassifikat bħala kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo,[12] jagħmel referenza għall-insenjament ta' Francesco Carrara:

> Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa.

45. Fuq l-element tal-prevedibilita', l-Antolisei,[13] ukoll jiċċita lil Carrara fejn dan qal is-segwenti:

> Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' **l'essenza della colpa sta nella prevedibilita.[14]**

46. L-istess intqal fl-appell kriminali imsemmi iżjed il-fuq **Saverina sive Rini Borg** fejn il-Qorti fissret kif huwa propju l-element tal-prevedibbilita' li jiddistingwi r-reat kolpuż mir-reat doluż u għalhekk isir ċentrali li jiġi eżaminat l-istat mentali tal-awtur tar-reat sabiex issir din id-distinzjoni:

> Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' ta' l-event dannuż li kondotta llegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk

[12] fin-noti tiegħu Lectures in Criminal Law, Volume 1.
[13] Antolisei, Manuale di Diritto Penale (Parte Generale) (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

imsejħa colpa incosciente a differenza minn dik l-imsejħa colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut.

47. Il-kriterji ta' kif il-prevedibbilita għandha tiġi determinata f'kull każ partikolari huma dibattuti fil-ġurisprudenza b'riżultat diverġenti. Hemm il-ġurisprudenza li tenfasizza t-test soġġettiv fejn il-Qorti tiġi mistiedna tistħarreġ speċifikament iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ marbuta mal-istat mentali tal-awtur tar-reat fil-mument li jagħmel l-att li jwassal għall-event dannuż fuq naħa; filwaqt li hemm ġurisprudenza li tistrieħ fuq it-test oġġettiv fejn il-Qorti tiġi invitata biex tistħarreġ il-prevedibilita' mill-lenti tal-imġieba ipotetika tal-*bonus paterfamilas* u ċjoe' ta' persuna ta' sagaċja ordinarja.

48. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli**, il-Qorti abbraċċjat it-teorija oġġettiva tal-*bonus paterfamilias* sabiex tiġi determinata l-prevedibilita' o meno tal-event dannuż:

Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna **li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali:**[15] kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

49. Madanakollu, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2009 din il-Qorti diversament presjeduta skartat it-test oġġettiv in kwantu ma kkunsidrax l-istat mentali tal-akkużat fil-mument li jkun qiegħed iwettaq l-għemil krimunuż (negliġenti) **<u>f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun: -</u>**

Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et.** F'dik is-sentenza nghad hekk:

"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att**.** Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland:

""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."

"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"[4] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.

"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to

> infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."

50. Dwar l-element ta' prevedibilita' f'każ ta' **non-osservanza ta' regolamenti**, l-insenjament ġurisprudenzjali jeskludi d-difiża tal-appellant ta' non-prevedibilita' tal-akkadut dannuż hekk kif il-preżunzjoni tal-prevedibilita' hija **assoluta**. F'dan ir-rigward l-appell kriminali **Saverina sive Rini Borg**, jisħaq dan:

> Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minhabba non osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. **Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih**. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali.

**Ikkunsidrat**

51. Illi din il-Qorti għalhekk trid tistħarreġ l-imġieba tal-appellanta SCERRI sabiex tistabbilixxi jekk setgħetx tipprevedi u għalhekk tipprevjeni l-inċident u jekk bħala s-sid tal-kelba, kellhiex obbligu statutorju li tieħu ċerti kawteli. L-appellant tilqa' għal dan billi tgħid li l-kelba ma kinitx aggressiva għaliex anki kienet tħallieha torqod u tiekol mat-tfal tagħha. Mill-banda l-oħra jirriżulta wkoll li l-appellanta tgħid li din il-kelba ma kienetx tħalliha toħroġ mid-dar.

52. Din il-Qorti diġa kellha okkażjonijiet fil-passat sabiex tikkunsidra sitwazzjonijiet simili. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Desiree Camilleri** deċiż nhar il-25 ta' Ġunju 2020, din il-Qorti kienet ikkunsidrat hekk:

47. Tħobbhom kemm tħobbhom, u tiggustahom kemm tiggustahom, il-klieb, anke dawk ta' razza mansweta, xorta annimali jibqgħu. Kelb, għalkemm huwa meqjus bħala l-akbar annimal ħabib tal-bniedem, xorta waħda jibqa' annimal, maħkum mill-istinti tiegħu, l-ewwel u qabel kollox. Anzi, hemm diversi Stati li stabbilew listi ta' klieb li huma klassifikati ta' natura aggressiva aktar minn oħrajn. Hemm ukoll listi ta' klieb li minħabba l-predisposizzjoni naturali aggressiva tagħhom l-anqas ikunu jistgħu jiġu assikutari minn kumpaniji tal-assikurazzjoni.[16] Ir-razza Rottweiler hija magħrufa bħala fost l-aktar razza aggressiva ta' klieb.[17] Għalhekk ir-razza tal-kelb minnha nnifisha diġa timponi grad għola ta' diliġenza fuq sid dak il-kelb biex jassigura li l-kelb tiegħu ma jkunx ta' perikolu għan-nies. Huwa wkoll element indikattiv li sid jew detentur ta' kelb ta' din ir-razza għandu jkollu grad t'attenzjoni akbar versu l-imġieba tal-kelb tiegħu u l-prekawzjonijiet li jkun irid jieħu. Anzi skont ġurisprudenza estera, kelb li jkun ta' razza li hija meqjusa aggressiva aktar minn oħrajn ġie ritenut li għandu responsabbilta akbar.[18] Fattur importantissimu f'dan il-kuntest huwa li kelb ta' din ir-razza, għalkemm ma jkunx gidem jew weġġgħa lil persuni oħra preċedentement ma jfissirx li ma jkunx potenzjalment perikoluż. Ladarba jkun ġej minn razza ta' klieb li għandhom predisposizzjoni naturali li jkunu aggressivi aktar minn klieb oħra, id-diliġenza tas-sid kienet titlob li jieħu ċerti prekawzjonijiet fil-konfront tal-istess kelb – fosthom li jżommhom marbuta u b'sarima ma ħalqhom.

48. Biss anke jekk sid il-klieb f'dan il-każ setgħa naqas minn dmirijietu dwar dan, huwa qabel xejn staqsa lill-appellanta jekk kienux jibżgħu mill-klieb, u hi minn naħa tagħha ma qagħditx lura milli twieġeb li ma kienux jibżgħu mill-klieb. Dawn iż-żewġt iklieb ma kienux liebsin sarima ma ħalqhom – tant li r-Rottweiler gidem lit-tarbija. Anke jekk sid il-klieb setgħa qal, jew ta x'jifhem lill-appellanta, li dawn il-klieb kienu mansweti – kienet għaqlija u prudenti l-appellanta li tmur, b'tarbija ta' ħdax il-xahar f'idha, tmelles kelb Labrador, meta kien hemm Rottweiler, li għalkemm marbut b'ċinga, kien biss xi metru w nofs il-bogħod minnu, mingħajr sarima ma ħalqu?

49. Il-fatti rakkuntati mix-xiehda msemmija, u prinċipalment dik tal-appellanta u ta' bintha - minkejja d-diskrepanzi bejniethom – turi biċ-ċar li l-appellanta, b'xi mod, ġiet qrib il-klieb waqt li kienet qegħda żżomm lit-tarbija u l-appellanta għamlet hekk minn jeddha għax iggustat lil dawk il-klieb. Meta marret tmelles lill-Labrador u ħadet lit-tarbija magħha biex

---

[16] <https://www.psychologytoday.com/us/blog/canine-corner/201405/14-dog-breeds-blacklisted-insurance-companies> aċċessata 10 ta' Jannar 2019.

[17] <https://www.insidedogsworld.com/top10-most-dangerous-dog-breeds-in-theworld/> aċċessata 10 ta' Jannar 2019. Ara wkoll <https://it.wikipedia.org/wiki/Lista_delle_razze_canine_pericolose> aċċessata 10 ta' Jannar 2019.

[18] Ara wkoll f'dan is-sens is-segwenti :

> Se il cane che provoca lesioni a terzi è di "razza pericolosa", la **responsabilità per il padrone** che ha **omesso di adottare le cautele necessarie** per evitare e prevenire le possibili reazioni dell'animale e le aggressioni ad altre persone o animali diventa **maggiore** e "**rinforzata**" proprio dall'appartenenza dell'esemplare a una razza di indole potenzialmente più pericolosa. Ad affermarlo è la Corte di Cassazione, quarta sezione penale, che con la sentenza n. 36747/2018 si è pronunciata sul ricorso della padrone di un American Stafford, condannata per **lesioni colpose** provocate dal suo cane ad un'altra donna. Per i giudici, i detentori dei cani assumono una **posizione di garanzia**, che impone allo stesso di **controllare e custodire l'animale**.

<https://www.consulenzalegaleitalia.it/lesioni-provocate-dal-cane-responsabilita-rinforzata-se-e-di-razza-pericolosa/> aċċessata fl-10 ta' Jannar 2019.

tmelsu wkoll, għamlet dan volontarjament. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-appellanta bl-ebda mod ma riedet li jsir xi ħsara lit-tarbija – neputiha li kien għadu ta' ħdax il-xahar. U dil-Qorti l-anqas m'għandha ebda dubju li l-ġest tagħha li tieħu lit-tarbija jmelles lill-Labrador kien wieħed premoruż u intiż li juri lit-tarbija l-ħlewwa ta' ċerti annimali – b'mod partikolari l-klieb tar-razza Labrador.

50. Iżda preċiżament dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li dawk huma annimali – u li r-reazzjoni tagħhom tibqa' dejjem imprevedibbli. U hemmhekk huwa fejn l-appellanta naqset mill-prudenza li kienet mistennija minnha. Bi ftit aktar attenzjoni u prudenza hija setgħet, u kellha, tipprevedi jiġifieri tara bil-quddiem li, kelb mingħajr sarima, anke jekk marbut, setgħa jkollu reazzjoni li ma tkunx qiegħed tistenniha u li tiġi għall-għarrieda. Anzi b'mod partikolari dan kien japplika għal dak ir-Rottweiler – li a differenza tal-Labrador – huwa kelb ta' razza ferm aktar aggressiva u imprevedibbli mill-Labrador – u li kien mingħajr sarima ma ħalqu. Dil-Qorti jidhrilha li l-element tal-possibilita tal-previżjoni tal-effetti dannużi kien hemm u wieħed setgħa faċilment jarah bl-użu tal-prudenza u diligenza ordinarja. Anzi jekk il-verżjoni ta' bintha Jessica Ann Worgan titwemmen u ċjoe li r-Rottweiler kien b'ċinga iżda li ma kienetx *hooked* – aktar u aktar l-appellanta ma kellhiex tersaq viċin ta' dak il-kelb bit-tarbija f'idha!

53. Fi ftit kliem, għalkemm il-klieb huma kollha annimali, mill-banda l-oħra mhux kull razza ta' klieb hija ritenibbli perikoluża. Biss iżjed ma razza tkun ritenuta perikoluża, ikbar tkun ir-responsabbilta ta' sid il-kelb jew id-detentur tiegħu li josservaw ir-regoli tal-Liġi u r-regoli tal-bwon sens fir-rigward taż-żamma ta' dawn il-klieb. Kif imsemmi fil-letteratura inkluża fis-sentenza **Desiree Camilleri**, il-klieb tar-razza pitbull terrier huma rikonoxxuti universalment bħala klieb li di natura huma perikolużi. In kwantu tali l-obbligu ta' diliġenza u prudenza da parti tal-appellanta u dawk li jżommu tali klieb issir ikbar minħabba l-perikolożita intrinseka għar-razza tagħhom.

54. Tgħid kemm tgħid l-appellanta li din il-kelba hija mansa, jibqa' l-fatt li din il-kelba ma tistax tmur kontra n-natura tagħha. Jew għal-massimu, jekk il-kelba kienet mansa mal-membri tal-familja tal-appellanta, hemm provi sodi li juru li żgur ma kienetx mansa ma membri oħra tal-pubbliku. Dan il-fatt jixhdu mhux biss dan l-inċident imdemmi iżda wkoll inċident preċedenti li kien jinvolvi lix-xhud Henry Ordway li wkoll safa' vitma ta' din il-kelba.

55. Wara dan kollu din il-Qorti tifhem għaliex l-appellanta ma kienetx tħalli l-kelba toħroġ barra. Iżda b'daqshekk ma kienetx qed tissodisfa l-obbligi legali li hija kellha rigward iż-żamma u kura ta' din il-kelba. U b'hekk minbarra li f'dan il-proċess hemm provi li juru li din il-kelba ma kienetx mansa daqskemm l-appellanta tgħid li

kienet, almenu mal-barranin, hemm ukoll provi li juru soddisfaċentement li, kontra dak li tisħaq l-appellanta, dan ma kienx inċident sfortunat jew iżolat.

56. Marbuta mal-fattur oġġettiv tal-perikolożita naturali ta' kelb tar-razza pitbull, jirriżulta wkoll il-fattur soġġettiv ta' dan il-każ mix-xhieda ta' Luke Vella Versin fejn f'paġna 46 jgħid li meta **l-għada tal-inċident** mar sabiex bħala veterinarju mibgħut mill-Animal Welfare jeżamina l-kelba, huwa ma tħalliex jidħol fl-abitazzjoni tal-appellanta minn din tal-aħħar għaliex qalet li l-kelba kienet aggressiva ħafna:

> Qorti: Eżaminajtu l-kelb?
> Xhud: Le l-kelb qaltilna li huwa aggressiv ħafna s-sid u ma kellhomx sarima.
> .../...
> Qorti: Ma eżaminajtx il-kelb?
> Xhud: Le baqgħet tgħidilna li hi ma żżommux hi b'saħtu wisq, b'saħtu wisq.
> Qorti: Hi min hi?
> Xhud: Ruth Scerri, għidtilha mhux ħa nirriskjaw ħafna naraw kelb ma nafux x'tip ta' kelb hu jekk inti lanqas għandek kontroll fuqu.

57. L-ispezzjoni mill-veterinarju ma saritx dakinhar tal-akkadut iżda ġurnata wara. Minkejja dan il-veterinarju ma tħalliex jinvista l-kelba minħabba li kienet, stando ma dak li sema' dan il-veterinarju lill-appellanta tgħidlu, aggressiva.

58. Din il-Qorti tqis li in bażi għal dawn il-provi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi biżżejjed quddiemha biex tagħraf li l-appellanta kienet sidt din il-kelba, jew almenu d-detentriċi tagħha stante li din il-kelba kienet tgħix f'darha. Dan fil-fatt jissodisfa l-voti tal-artikoli 2 u 3(2) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħidu li detentur ta' kelb tfisser kull persuna li tkun inkarigata minn jew li normalment titma' jew tieħu ħsieb xi kelb fil-waqt li l-artikolu 3(2) jgħid li għall-finijiet tas-subartikolu (1) li jitratta l-obbligu tal-liċenzjar ta' klieb t'eta ta' sitt xhur jew iżjed, kull persuna li fil-kustodja jew fil-pussess tagħha, jew li fid-dar jew fil-post tagħha, jinsab xi kelb bħal dak, titqies li tkun il-persuna li żżomm dak il-kelb, sakemm ma jiġix pruvat kuntrarju. Hemm provi sodi fil-proċess li juru li l-appellanta kienet tissodisfa dawn il-kriterji – indipendentement mill-prova jekk u f'isem min kienet liċenzjata l-kelba f'dan il-każ.

59. Minbarra dan jirriżulta wkoll sodisfaċentement pruvat li din il-kelba kienet titħalla tiġri liberament mad-dar tagħha filwaqt li ma kienetx titlibbes sarima. Il-fatt li kienet tiġri liberament mad-dar,

mingħajr ma tkun marbuta b'ċinga jfisser li kien faċli għal din il-kelba li, mal-ewwel okkażjoni li ssib, tixref barra mid-dar, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ.

60. Apparti minn hekk, anke jekk l-appellanta ma kienetx id-dar fil-mument li din il-kelba ħarbet il-barra u kkawżat l-inċident serju mal-parte civile, jibqa' wkoll il-fatt li, fl-assenza tagħha, hija fdat din il-kelba, fil-kustodja ta' missierha li, kif ingħad fl-atti minnha stess, kien bniedem li jbagħti bid-depression, jieħu l-mediċini u li għalhekk wieħed jifhem li ma kellux il-kapaċitajiet kollha li jkun jista' jżomm taħt kontroll kelba ta' razza perikoluża, mhux marbuta b'ċinga u mingħajr sarima ma ħalqha, milli tiżgiċċalu u toħroġ barra mid-dar fejn kienet tgħix.

61. Fattur ieħor importanti kien li l-appellanta kienet ukoll konsapevoli mill-fatt li dan ma kienx l-ewwel inċident li fih din il-kelba kienet involuta ma ġirien meta jirnexxielha tiżgiċċa l-barra mir-residenza.

62. Dawn il-fatturi waħedhom juru kif, anke bi ftit bwon sens, l-appellanta setgħet tipprevedi li kelba ta' razza pitbull, di natura perikoluża, imħollija tiġri d-dar bla ċinga jew irbit u mingħajr sarima ma ħalqha, setgħet faċilment taħrab, toħroġ mill-bieb tad-dar u tagħmel tagħmel għal, kif ukoll tagħmel ħsara, lil persuni oħra. Bid-dovut rispett, huwa bilwisq prevedibbli li jekk kelba bħal dik, li titħalla tiġri liberament mad-dar, malli ssib il-bieb miftuh tkun tista' toħroġ barra. U kif toħroġ mill-bieb ta' barra, jirriżulta li dan il-bieb jagħti mill-ewwel għat-triq pubblika, fejn hemm residenzi oħra u garages fejn imorru u jgħaddu n-nies.

63. Kemm dan il-fattur kien prevedibbli mill-appellanta jixhdu wkoll Henry Ordway li jgħid kif din il-kelba kienet diġa, f'episodju preċedenti għal dan il-każ, kienet ħarġet mid-dar u gidmet anke lilu. Iġifieri hawnhekk ma kellekx biss il-prevedibbilita ta dan il-fatt; iżda kellek diġa preċedent ta' dak il-fatt innifsu. Iżda dan l-inċident ta' Henry Ordway jidher li minnu l-appellanta ma tgħalmet ebda lezzjoni.

64. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellanta kienet non-kuranti u traskurata fil-kura u ż-żamma ta' din il-kelba pitbull. Anke jekk f'moħħha il-fatt li din il-kelba kienet titħalla ġewwa u ma toħroġx

kien biżżejjed, anke jekk f'moħħha din il-kelba kienet mansa tant li kienet tħalliha ma wliedha liberament, jibqa' l-fatt li din il-konvinzjoni waħedha mhix biżżejjed biex tevita li din il-kelba ssegwi l-istinti tagħha u b'hekk iġġibha fl-inkwiet. L-appellanta donnha li kienet konvinta li b'daqshekk qegħda fis-sewwa. Iżda fis-sewwa ma kienetx. U l-anqas ma dan jista' jitqies bħala xi inċident sfortunat kif ittenni l-appellanta.

65. Dan ir-raġunament japplika minkejja li fil-mument li seħħ l-inċident, l-appellanta kienet qiegħda fuq il-post tax-xogħol tagħha. B'daqshekk ma jfissirx li r-responsabbilta tagħha versu l-kelba pitbull kienet tieqaf mal-mument li hija kienet tagħlaq il-bieb ta' barra warajha. Bħala sidt il-kelba u bħala persuna li jirriżulta li kienet tiddeċiedi hi fuq il-kura u ż-żamma ta' din il-kelba, kellha l-obbligu ddettat minn dawk mir-regoli komportamentali ta' soċjeta' ċivili, tal-bwon sens u tal-Liġi, li tieħu ħsieb li din ma tkun qatt ta' perikolu għal terzi persuni kemm minn ġewwa r-residenza tagħha kif ukoll fuq barra r-residenza tagħha.

66. Jirriżulta mingħajr dubju raġonevoli li l-appellanta kienet persuna li kellha kontroll fuq din il-kelba. Jirriżulta kif hi kienet tieħu d-deċiżjonijiet dwar xi jsir minn din il-kelba. F'paġna 61 tgħid li l-kelba kien għadu kemm kellha l-frieħ u tgħid li żammet wieħed minnhom. F'paġna 63 tixhed li għalkemm in-nies kienu jgħidulha biex traqqad lil din il-kelba, hija qatt ma xtaqet tagħmel dan. Huwa loġiku li persuna li tkun f'pożizzjoni li tieħu dawn it-tip ta' deċiżjonijiet is-sid tal-annimal jew tal-inqas jekk ma tkunx is-sid, tkun dik il-persuna li jkollha **l-kontroll ta' dak l-annimal.**

67. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-imġieba tal-appellanta f'dan il-każ setgħet b'sikurezza titqies li kienet kolpuża in kwantu kienet 'traskurat' u 'negliġenti' skont l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan is-sens għalhekk kienet ukoll korretta li ssibha ħatja fis-sensi tal-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

68. Il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellanta wkoll bil-ksur tar-Regolament 3(1) u (2) tal-Liġi Sussidjarja 312.01, Regolamenti dwar

il-Kontroll tal-Klieb kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Att dwar il-Klieb, Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn jaqraw hekk:

> 3(1) Ebda persuna li jkollha xi kelb taħt il-kontroll tagħha ma għandha tħalli li dak il-kelb jiġġerra u meta dak il-kelb jittieħed f'xi triq, għandu jinżamm b'ċinga:
>
> Iżda meta kelb jintuża għall-kaċċa, f'dak iż-żmien u f'dak il-post fejn il-kaċċa tkun permessa, id-dmir li l-kelb jinżamm biċ-ċinga ma japplikax.
>
> 2)Jekk persuna tkun taf jew tissuspetta li l-kelb li jkun taħt il-kontroll tagħha huwa temperamentali jew perikoluż jew jista' jweġġa' lil xi persuna, dik il-persuna għandha tara li l-kelb jintlibes sarima f'kull ħin f'kull post pubbliku.
>
> 14.(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.
>
> (2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1).
>
> (3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1) tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha, xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi distrutt.
>
> (4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju.

69. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward tas-sejbien tal-ħtija fl-appellanta fir-raba' imputazzjoni kif imsejsa fuq ir-regolament 3(2) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-provi juru li l-inċident mertu tal-każ in kwistjoni seħħ fil-mument li missier l-appellanta, Lorenzo Scerri, ħalla l-bieb ta' barra miftuħ bil-konsegwenza li din il-kelba, li ma kienetx ġiet marbuta qabel ma nfetaħ il-bieb, ħarġet barra. Dan ir-regolament jimponi l-obbligu ta' sarima fuq kelb perikoluż li jkun taħt il-kontroll ta' dik il-persuna <u>**f'kull post pubbliku.**</u> Dan ir-regolament ma jobbligax lil sid jew detentur ta' tali kelb li jlibsu sarima meta ma jkunx f'post pubbliku, bħal meta l-kelb ikun f'residenza privata. Fil-mument li nfetaħ il-bieb ta' barra minn missier l-appellanta, il-kelba għalkemm kienet ġewwa r-residenza, mill-banda l-oħra ma kienetx marbuta, u naturalment mingħajr sarima ma ħalqha. B'hekk din il-kelba spiċċat f'post pubbliku mhux għax l-appellanta ħarġitha barra, iżda għaliex <u>**ħarbet**</u> mir-residenza u spiċċat fit-triq. In definittiva, n-negliġenza tal-

appellanta kienet titnissel mill-fatt li waqt li l-kelba kienet tkun fuq ġewwa tar-residenza din ma kienetx tkun marbuta meta kien jinfetaħ il-bieb ta' barra. Kif ukoll minħabba li meta l-appellanta kienet barra mid-dar u tinsab ix-xogħol, hija ħalliet lil din il-kelba taħt il-kustodja jew kura ta' missierha li skontha stess, minħabba li kien bid-depression u jieħu l-mediċini ma kienx fl-aħjar qagħda li jieħu ħsieb jissorvelja sew lil din il-kelba, ta' natura u mġieba perikoluża, kif jixraq skont il-Liġi u r-regolamenti dwar iż-żamma tal-klieb.

70. Biss f'dan il-każ ma jistax jiġi imputat lill-appellanta li f'dan il-każ kisret ir-regolament 3(2) imsemmi iżjed il-fuq. Dan ir-reat jippenalizza lil min, deliberatament, bħala persuna li tkun taf jew tissuspetta li l-kelb li jkun taħt il-kontroll tagħha huwa temperamentali jew perikoluż jew jista' jweġġa' lil xi persuna, toħroġ lil dak il-kelb, f'kull post pubbliku mingħajr ma tara li jkun imlibbes b'sarima. F'dan il-każ il-kelba kienet ġewwa r-residenza – fejn ma hemmx obbligu li titlibbes sarima – u minħabba li ma kienetx marbuta fil-mument li nfetaħ il-bieb, inrexxielha tiżgiċċa. L-aġir tal-appellanta ma kienx jikkostitwixxi dan ir-reat f'dan il-każ. Għalhekk l-appellanta ma tistax titqies ħatja tar-reat ikkontemplat fir-Regolament numru 3(2) tal-L.S. 312.01.

## Ikkunsidrat

71. Mill-banda l-oħra l-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta ma joħloqx distinzjoni bejn post pubbliku jew post privat in kwantu taħt din id-dispożizzjoni is-sid jew id-detentur ta' kelb meqjus perikoluż għandu dejjem iżomm il-kelb tiegħu taħt kontroll. U l-preżunzjoni tal-Liġi fis-subinċiż numru erbgħa hija fis-sens li kelb ikun meqjus perikoluż jekk fattwalment ikun gidem jew ħabat għal xi persuna. Din hija preżunzjoni iuris tantum, bil-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li l-kelb in kwistjoni jkun effettivament gidem jew aggredixxa persuna. F'dan il-każ, mhux ikkonstestat li l-kelba ta' SCERRI ħatfet u gidmet lil Maryanne Ellul u għalhekk il-preżunzjoni hija li l-kelba tagħha kienet perikoluża. Dan huwa msaħħaħ ukoll bl-episodju rakkontat minn Henry Ordway.

72. Jirriżulta ppruvat ukoll li kif diġa ngħad, li l-appellanta kellha l-kontroll tal-kelba tagħha u l-fatt li kienet tħalliha ma' missierha li skontha kien ibagħati bid-depression u fuq il-mediċini ġewwa r-residenza tagħhom ma jfissirx li hija ma kinitx xorta teżerċita kontroll fuq dan l-annimal. Hi kienet dik il-persuna li kellha poteri deċiżjonali

fejn tidħol din il-kelba. U bħala kelba li kienet ta' perikolu għan-nies, l-appellanta naqset milli tassikura li din il-kelba qatt ma tiġi f'sitwazzjoni fejn taħbat għal xi persuni. Il-fatt biss li kienet tinsab maqfula fid-dar ma jfissirx li din ma kellhiex aċċess għal barra u li setgħet taħbat għal terzi persuni f'każ li inċidentalment, bħal ma ġara f'dal-każ, il-kelba takkwista aċċess għal barra.

73. Għalhekk, din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha (għalkemm għal raġunijiet differenti) tqis li l-appellanta bħala sidt jew detentriċi ta' kelb perikoluż naqset milli żżomm il-kelba tagħha taħt kontroll bi ksur ta' dak l-obbligu statutorju impost bil-Liġi taħt l-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-eventwali konsegwenza tal-ksur tal-Artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu naqset milli tosserva regolament impost mil-Liġi.

**Ikkunsidrat**

74. In kwantu għall-aggravju dwar il-piena, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more

recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

75. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

76. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

77. F'dan il-każ, il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet kemm tax-xorta li trid il-Liġi kif ukoll kienet tirrentra fil-parametri li tipprefiġġi l-Liġi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet li ġiet mixlija bihom l-appellanta. Jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lanqas ma imponiet l-ammenda li kienet tipprospetta l-Liġi bħala piena għall-ksur tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta. Mis-sentenza ma jirriżultax jekk il-Qorti tal-Maġistrati għamlitx dan bi twettieq tal-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba l-piena taħt l-artikolu 14 tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta kienet ammenda, li allura, skont l-artikolu 7(2) tal-Kodiċi Kriminali, hija piena imponibbli biss f'każ li dak ir-reat ikun ritenibbli bħala kontravenzjoni ġaladarba l-piena pekunjarja fil-forma tal-ammenda tista tingħata għal kontravenzjonijiet filwaqt li għad-delitti l-istess artikolu jippreskrivi l-piena pekunjarja tal-multa.

78. F'dan il-każ ma jistax jitqies li din kienet piena **<u>manifestament</u>** eċċessiva jew sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi meta wieħed iqis li kaġun tal-kondotta negliġenti tal-appellanta persuna sfat aggredita u ġarrbet ġrieħi ta' natura gravi. Dan oltre għall-fatt li kif xehdet il-vittima stess, hija damet żmien twil anki tbgħati psikoloġikament

minħabba t-trawma li soffriet. Mill-banda l-oħra, huwa fatt ukoll li l-Qorti mhix se ssib ħtija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanta u għalhekk dan jirrifletti ruħu wkoll fil-quantum tal-piena imposta f'dan il-każ.

79. In kwantu għall-ordni li tgħatt il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija ma joħroġx liċenzja biex l-appellanta żżomm kelb, din il-Qorti tqis li din il-projbizzjoni ma tirriżultax mil-Liġi msemmija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha - għalkemm setgħet tirriżulta minn Liġi oħra, li pero ma ġietx imsemmija.

80. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tilqa' t-tminn aggravju tal-appellanta.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi:

i. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din illiberat lill-appellanta mit-tieni imputazzjoni;
ii. Tħassar is-sentenza appellata in kwantu għas-sejbien ta' ħtija fl-appellanta tar-raba' imputazzjoni u minflok tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarha;
iii. Tħassar is-sentenza appellata in kwantu għall-ordni ta' projbizzjoni biex il-Kumissarju tal-Pulizija ma joħroġx liċenzja lill-appellanta għal żamma ta' kelb;
iv. Tħassar is-sentenza appellata in kwantu għall-piena imposta ta' sitt xhur priġunerija liema terminu kien sopiż għall-perjodu ta' erba' snin;

u minflok

v. Filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellanta fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tikkundanna lill-appellanta għall-piena ta' **erba' xhur priġunerija** li fis-sensi tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx jidħlu fis-seħħ ħlief **jekk matul il-perjodu ta' sena millum** il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali li s-

sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ. Fis-sensi tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, dil-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

vi. Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza fil-bqija tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**